# L-għaqda

**Onor. Evarist Bartolo**
*Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej*

Għeżież sħabi, ħbieb tiegħi Melliħin, din is-sena qed nikteb dawn il-kelmtejn fi żmien meta l-pandemija ħarbtet il-pjanijiet mhux biss tagħna, iżda tal-irħula u l-ibliet madwar id-dinja kollha. Iżda l-messaġġ tiegħi jibqa' l-istess – wieħed ta' għaqda fost il-komunità sabiħa tal-Mellieħa. Huwa proprju f'dan iż-żmien li tbegħidna minn xulxin li għarafna kemm hu importanti li nkunu magħqudin. Bħal masġar bis-siġar differenti minn xulxin, iżda bl-għeruq tagħhom kobba ta' faraġ għal xulxin, lesti għal kull maltemp u sfida. Hekk għandna nkunu ma' xulxin, mhux l-inqas f'dan iż-żmien tal-festa li minkejja mhux bħas-soltu, se niċċelebraw xorta waħda kif jixraq lil din il-parroċċa.

Nieħu din l-opportunità biex insellem u nirringrazzja lill-voluntiera li ta' kull sena, b'impenn u dedikazzjoni eżemplari, iżejnu triqatna u jdawlu s-smewwiet bi lwien li jferrħu l-qlub. Ferħ li naqsam magħkom waqt li minn qalbi nawguralkom ilkoll il-festa t-tajba!

aġenzija żgħażagh

L-Għaqda Mużikali Imperial tilqa' applikazzjonijiet
għat-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas
f'dawn il-kategoriji:

• Teorija tal-Mużika
• Strumenti tal-Injam
• Strumenti tar-Ramm
• Strumenti tal-Perkussjoni

Email: **info@imperialbandclub.com**


Pâtisserie
Bakers & Caterers Ltd.
WE ACCEPT ORDERS FOR ANY SPECIAL OCCASION CAKES
OUTSIDE CATERING
HOT SNACKS & CREAM CAKES
FRESHLY BAKED BREAD DAILY
MAIN STREET, MELLIEHA MLH 2315
T: 2152 0920 / 2152 3920